- *PENALI WARA MANDAT KAWTELATORJU –*
- *ART. 836 (9) TAL-KAP 12.*
- *DISKREZZJONI TAL-QORTI –*
- *FATTISPECIE TAL-KAZ DETERMINANTI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 6**
**Citazzjoni Numru: 2391/2000/RCP.**

**Yorkie Clothing Industry Limited**

**vs**

**Dr. Lillian Calleja Cremona**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-konvenuta kienet pprezentat mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' attrici fl-10 ta' Ottubru 2000, Numru 3663/2000, fl-ismijiet "Dr. Lillian Calleja Cremona LL.D. bint il-mejjet Daniel Mary Cremona mart Paul Alexander Calleja I.D. Numru 190965 (M) –vs- Yorkie Clothing Industry Numru ta' Registrazzjoni C – 487 – UB17, Industrial Estate, san Gwann".

Illi in segwitu ghal fuq imsemmi mandat, is-socjeta' attrici pprezentat rikors fl-istess atti tal-fuq imsemmi mandat, fejn talbet ir-revoka ta' l-istess mandat *stante* li l-istess socjeta' attrici ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-konvenuta;

Illi fl-20 ta' Ottubru 2000, il-konvenuta pprezentat kontro-mandat li jgib in-numru 3770/2000, fejn il-fuq imsemmi mandat u cioe' numru 3663/2000 gie rtirat u dana sabiex il-konvenuta tirregola ruhha ahjar u b'hekk irrendiet ruhha responsabbli ghal-penali kif kontemplata fl-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi s-socjeta' attrici, minhabba l-hrug ta' l-fuq imsemmi mandat sofriet danni kemm materjali kif ukoll telf fir-reputazzjoni taghha;

Tghid l-konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli u punibbli ghal penali kontemplata fl-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

(2) Tikkundanna lill-konvenuta thallas dik il-penali li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa wara li tiehu konjizzjoni u konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 18 tal-process fejn ecceppiet li:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

(2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda tal-esponenti konvenuti a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Frar 2001, 5 ta' Gunju 2001, 11 ta' Ottubru 2001, 30 ta' Ottubru 2001, 9 ta' Jannar 2002 u tal-5 ta' Marzu 2002.

Rat l-affidavit ta' Simon Calleja datat 10 ta' Ottubru 2001 a fol. 24 tal-process; u x-xhieda ta' l-istess Simon Calleja in kontro-ezami tad- 9 ta' Jannar 2002 u x-xhieda tal-konvenuta tad-9 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi b'effett tal-**Att XXIV tal-1995, l-Artikolu 836 (8)** indika l-kazi *ad hoc* fejn *"il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tliet elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:-*

*"(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi.*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellhu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk*

*id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed.*

*Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhom japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja".*

Illi fis-sentenza **"SN Properties Limited vs George Camilleri"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap 16**,*

*dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess* ***Artikolu 836 (9****). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess* ***Artikolu 836****, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

Illi l-pozizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar *da parte* tal-konvenut ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz mandat ta' inibizzjoni) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima *"qui suo iure utitur, non videtur damnum facere"*, bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento, sebbene non vi riesca"* **("Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' **("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) *nascenti* minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("**Agius vs Dott. Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* **("Mugliette vs Bezzina"** - XXVI. I. 405).

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (***Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civi**le - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-konvenut kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi min dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) *"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu"*

**D. APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHAL KAZ ODJERN**

Illi applikati dawn il-principji ghal-kaz *de quo* jirrizulta li fl-ewwel lok wiehed jinnota li l-kawza attrici hija ristretta fit-talbiet taghha ghal dak li huma penali kontemplati fl-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12,** liema talba setghet tigi mressqa b'rikors skond l-istess subartikolu u mhux biss permezz ta' citazzjoni, ghalkemm f'dawn ic-cirkostanzi ma jidhirx li n-nuqqas tas-socjeta' attrici li tistitwixxi din it-talba b'rikors timponi xi nullita' tal-azzjoni odjerna, u fil-fatt tali nullita' lanqas giet ecceppieta mill-konvenuta; dan ma jhassar xejn mid-dettami gurisdizzjonali li jghid li fejn in-nullita' hija dettata mill-ligi ma hemm xejn x'jimpedixxi lill-Qorti li tqajjem il-punt ta' nullita' *ex officio, stante* li r-regoli ta' procedura huma ta' ordni pubbliku. Pero' fic-cirkostanzi ma thoss li dan huwa l-kaz, u ghalhekk din il-kawza ma hijiex ser tigi deciza fuq dan il-punt, anke ghaliex l-istess subartikolu ma jistipulax *ad validitatem* kif tista' ghandha ssir din it-talba, u dan kontrarjament ghal dak li hemm ritenut fl-**Artikolu 836 (9)** dwar l-azzjoni ta' danni naxxenti mill-istess ragunijiet li jaghtu lok ghat-talba ghall-penali skond l-**Artikolu 836 (8).**

Illi dan qed jinghad ghaliex fil-waqt li ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni prezentata mis-socjeta' attrici hija wahda ghat-talba ghall-**penali** *ut sic* jidher li l-premessi huma bbazati fuq l-allegazzjoni li bl-istess kontro-mandat

mahrug mill-konvenuta kontra s-socjeta' attrici, din ta' l-ahhar sofriet danni, li hija stramba ladarba fl-istess citazzjoni ma hemm ebda talba ghad-danni izda biss ghall impozizzjoni ta' penali.

Illi is-sitwazzjoni tibqa' mhux cara meta l-istess socjeta' attrici bl-unika xhieda taghha kkoncentrat fuq l-allegati danni li qed tghid li sofriet kawza tal-fatt li l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra taghha dam *in vigore* mill-10 ta' Ottubru 2000 sal-prezentata tal-kontro-mandat relattiv fl-20 ta' Ottubru 2000, liema danni ma humiex il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi madanakollu din il-Qorti thoss li jista' jkun li tali xhieda dwar l-allegati danni sofferti mis-socjeta' attrici kienu intizi sabiex jindikaw lill-Qorti l-gravita' tal-azzjoni tal-konvenuta li bil-hrug allegatament abbusiv tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju setghet poggiet lill-istess socjeta' f'pozizzjoni prekarja, meta din ma kellha l-ebda relazzjoni maghha, u ghalhekk din il-Qorti sejra tiehu x-xhieda tal-istess socjeta' attrici f'dan l-isfond ghall-impozizzjoni tal-penali *o meno* fuq il-konvenuta f'kaz li jirrizulta li tali penali ghandha tigi applikata *ai termini* tad-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni li fil-fatt l-istess konvenuta harget mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' fl-ammont ta' Lm100,000 fuq il-pretensjoni li dan huwa s-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn

zewgha Alexander Paul Calleja, li huwa wkoll azzjonista tal-istess socjeta', u dan l-istess mandat gie rtirat b'kontro-mandat relattiv ghaxart (10) ijiem wara, anke meta jidher li lahaq sar rikors (Dok. "B") ghar-revoka tal-istess mandat u ghall impozizzjoni ta' penali skond kif jidher mir-rikors tas-socjeta' attrici esebit a fol. 9 tal-process.

Illi l-konvenuta qed isostni li l-istess mandat kawtelatorju gie mahrug minnha fuq parir legali zbaljat, u fil-fatt kif hija giet konoxxenti tal-fatt li l-azzjoni taghha kienet zbaljata, hija mill-ewwel harget l-kontro-mandat relattiv, u fil-fatt hija fehmet li l-azzjoni attrici ghall-penali kellha tieqaf hemm; dan huwa wkoll soffermat mill-fatt li jidher li ma kienx hemm ezitu ghar-rikors attrici indikat a fol. 9 tal-process almenu fuq il-kistjoni ta' penali *stante* li kienu ma kienitx issir din it-talba identika odjerna.

Illi pero' jidher li l-istess socjeta' attrici wara l-prezentata tal-istess rikors kellha ripensament ghaliex fit-2 ta' Novembru 2000 fethet din il-kawza proprju ghall-penali, li kienet gie ikkontemplat fil-proceduri permezz tar-rikors fuq indikat.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuta *ut sic* ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici, u ma hemm lanqas ebda dubju li teknikament id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 836 (8) (a) (b) u (c)** jidhru li huma sodisfatti *stante* li l-konvenuta ma ghamlet l-ebda kawza kontra l-istess socjeta' attrici, izda ghamlet minflok kontro-mandat, ma jidhirx li ghamlet interpellazzjoni qabel harget tali mandat

kawtelatorju, u ma jidhirx lanqas li kien hemm xi dubju dwar il-likwidita' tas-socjeta' attrici.

Illi pero' fic-cirkostanzi tal-kaz, jidher ukoll li l-konvenuta harget l-istess mandat kawtelatorju b'malintiz, anke minhabba parir legali li jidher li kien zbaljat mid-difensur taghha, (li mhux dak jew dik li attwalment ippatrocinaw lill-istess konvenuta f'din il-kawza), tant li kif indunat bl-izball hija mill-ewwel ippruvat tirrimedja ghas-sitwazzjoni bl-ispedizzjoni tal-kontro-mandat relattiv, li jidher li kien accettabbli ghas-socjeta' attrici dak in-nhar *stante* li ma jidhirx li r-rikors minnha prezentat anke fuq penali kellhu ezitu, jew inkella insistew fuqu biex ikun hemm ezitu, ladarba l-ewwel talba ghar-revoka tal-mandat *de quo* giet ezawrita bl-azzjoni tal-konvenuta ndikata.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-konvenuta ma imxietx b'malizzja jew vessatorjeta' taht id-disposizzjonijiet fejn dawn huma kontemplati fl-**Artikolu 836 (8) (d)** u ghalkemm jidher li hemm ksur tad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-istess subartikolu, jirrizulta wkoll mill-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk tikkominax u timponix il-penali indikati fl-istess subartikolu u dan jidher car meta jinghad li l-Qorti *"tista tikkundanna"* l-hlas ta' penali u din id-diskrezzjoni tiddependi fuq il-fattispecji tal-kaz, kif tidher li s-socjeta' attrici tirrikonixxi meta fit-tieni talba taghha tirrreferi ghac-*"cirkostanzi kollha tal-kaz".*

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fid-decizjoni **"Vincent Mercieca vs George Galea"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 u cjoe' li *"din id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar l-impozizzjoni tal-penali tirrizulta mill-istess **subartikolu (8) tal-Artikolu 836** fejn il-ligi testwalment tghid li "il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali….".*

*"Illi ghalkemm din il-procedura ma hijiex wahda li ghanda tigi inkoraggita, anzi ghandha u qed tigi censurata, b'daqshekk ma jfissirx li ghanda tigi applikata l-penali stabbilita ai termini tal-**Artikolu 836 (9) tal-Kap 12,** u dan ghaliex l-impozizzjoni tal-istess penali ma hijiex awtomatika izda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fattispecje tal-kaz in ezami".*

*"Illi huwa ovvju li l-kelma tista' taghti lill-Qorti il-fakolta' jew li timponi l-hlas ta' tali penali jew le, u tali diskrezzjoni tal-gudikant tapplika ukoll fil-kaz ta' l-ammont ta' penali li ghandha tigi mposta fuq il-konvenut. F'dan il-kaz din il-Qorti ma thoss li ghandha tigi applikata l-istess penali, ghalkemm dan m'ghandux jittiehed bhala li b'xi mod jinkoragixxi lill-konvenut li johrog tali mandati kawtelatorji kollha minghajr ma jiehu responsabbilita' ta' l-atti minnu prezentati, ghaliex facilment jista' jkun li f'xenarju iehor il-konsegwenzi tal-atti tal-konvenut ikun bil-wisq izjed serji specjalment meta jigu kkawzati danni serji lill-intimat".*

Illi taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li l-konvenuta ppruvat

b’mod konvincenti li l-azzjoni taghha ta’ hrug ta’ mandat kawtelatorju kontra s-socjeta’ attrici kien zball min-naha taghha li wkoll gie gwidata hazin minn min suppost jaf izjed minn hekk, u kif indunat bl-izball ppruvat tirrangah mill-ewwel, u dan f’mument meta fl-opinjoni tal-Qorti, l-istess socjeta’ attrici ma kienet sofriet ebda danni rejali; dan qed jinghad *stante* li l-allegati danni li s-socjeta’ attrici qed tghid li sofriet kawza tal-agir tal-konvenuta ma jidhrux li huma *prima facie* konvincenti u wisq inqas ippruvati u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvenuta agixxiet *a tempo debitu* sabiex tevita li bl-azzjoni taghha jigu kkawzati danni lill-istess socjeta’; fuq kollox l-azzjoni tal-konvenuta giet ippruvata li ma saritx b’kattiverja jew malizja, izda sforz ta’ zball li hija mill-ewwel ppruvat tirranga u fortunatament ghaliha bla konsegwenzi serji ghas-socjeta’ attrici.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma thossx li ghandha tuza’ d-diskrezzjoni taghha sabiex tapplika l-penali ndikata fil-ligi, ghalkemm bl-ebda mod dan ma ghandu jfisser li b’xi mod din il-Qorti qed tikkoragixxi zbalji ta’ dan it-tip, anke ghaliex l-effett ta’ tali zbalji jista’ jkun hafna iktar serju minn dawk hawn allegati, li bl-ebda mod f’dan il-kaz ma gew sostanzjati *nonostante* li ghaddew iktar minn sena u nofs mill-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, b’dan pero’ li minhabba l-fatt li tali kawza originat minhabba l-izball kommess mill-konvenuta, l-ispejjez tal-istess kawza

ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuta.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad it-talbiet attrici** *stante* li l-penali *ai termini* tal-**Artikolu 836 (8) tal-Kap 12** ma ghandhiex tigi mposta fuq il-konvenuta tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Bl-ispejjez, ghar-ragunijiet fuq premessi, ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002.**

**Mario Debono.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002.**